

Konvenut: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca

## Domandi preliminari

- (1) Il-qafas leġiżlattiv tas-settur edukattiv, [li jippermetti li jiġu konklużi kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, mingħajr possibbiltà ta' kontinwità, mal-istess għalliem għal numru indeterminat ta' drabi, anki sabiex jiġu ssodisfatti eżiġenzi fit-tul ta' personal], jikkostitwixxi miżura ekwivalenti skont il-klawżola 5 tad-Direttiva 1999/70/KE<sup>(1)</sup>?
- (2) Meta għandu jiġi kkunsidrat, għal relazzjoni ta' xogħol, li l-persuna li timpjega hija l-“Istat”, skont il-klawżola 5 tad-Direttiva 1999/70/KE, u b'mod partikolari skont l-espressjoni “setturi spċifici u/jew kategoriji ta’ ħaddiema”, fatt li għalhekk jippermetti li jiġu ġġustifikati konsegwenzi differenti meta mqabbla mar-relazzjonijiet tax-xogħol privati?
- (3) Fid-dawl tal-ispiegazzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3(1)(c), tad-Direttiva 2000/78/KE<sup>(2)</sup> u tal-Artikolu 14(1)(c), tad-Direttiva 2006/54/KE<sup>(3)</sup>, il-kunċett ta’ kundizzjonijiet ta’ impieg, imsemmija fil-klawżola 4 tad-Direttiva 1999/70/KE, tinkludi l-konsegwenzi tal-interruzzjoni illegali tar-relazzjoni ta’ xogħol? Fil-każ ta’ risposta pożittiva għad-domanda preċedenti, il-konsegwenzi differenti li l-leġiżlazzjoni nazzjonali normalment torbot mal-interruzzjoni illegali tar-relazzjoni ta’ xogħol skont jekk din hijex għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat jistgħu jkunu ġġustifikati fid-dawl tal-klawżola 4?
- (4) Stat Membru huwa prekluż, skont il-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali, milli jippreżenta fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kuntest ta’ proċedura għal deċiżjoni preliminari ta’ interpretazzjoni, qafas leġiżlattiv nazzjonali li ma jikkorrispondix intenzjonally mar-realtà u l-qorti hija obbligata, fl-assenza ta’ interpretazzjoni oħra tad-dritt nazzjonali li tissodisa bl-istess mod l-obbligi li jirriżultaw mill-appartenza għall-Unjoni Ewropea, li tinterpreta, fejn huwa possibbli, id-dritt nazzjonali fkonformità mal-interpreazzjoni pprovduta mill-Istat?
- (5) Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta’ xogħol imsemmija fid-Direttiva 91/533/KEE<sup>(4)</sup> u b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1) u (2)(e) tagħha, jinkludu l-indikazzjoni tal-każijiet fejn il-kuntratt ta’ xogħol għal żmien determinat jista’ jinbidel fķuntratt għal żmien indeterminat?
- (6) Fil-każ ta’ risposta pożittiva għad-domanda preċedenti, emenda b'effett retroattiv tal-qafas leġiżlattiv li ma tiggaran-tixxix lill-ħaddiem impiegat il-possibbiltà li jinvoka d-drittijiet mogħtija lili mid-direttiva, jiġifieri l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol imsemmija fid-dokument ta’

ingaggħi tmur kontra l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/533/KEE u kontra l-għanijiet imsemmija fid-Direttiva 91/533/KEE, b'mod partikolari fit-tieni premessa tagħha?

- (1) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta’ Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).
- (2) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta’ Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).
- (3) Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta’ Lulju 2006, dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugħwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impieg u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p.23).
- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta’ Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta’ min iħaddem li jgharrarf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impieg (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 3).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fl-24 ta’ Jannar 2013 — ASS.I.CA. u Krafts Foods Italia SpA vs Associazioni fra produttori per la tutela del “Salame Felino” et**

**(Kawża C-35/13)**

(2013/C 86/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Qorti tar-rinviju

Corte Suprema di Cassazione

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ASS.I.CA. — Associazione Industriali delle Carni, Krafts Foods Italia SpA

Konvenuta: Associazioni fra produttori per la tutela del “Salame Felino” et

## Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2081/92<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat bħala li jeskludi li assoċjazzjoni ta’ produtturi tista’ tipprevalixxi ruħha mid-dritt eskużiż li tuża, fi ħdan iż-żona Komunitarja, denominazzjoni ta’ oriġini ġegografika wżata fit-territorju ta’ Stat Membru sabiex isir riferiment għal tip specificu ta’ salami, mingħajr ma tkun kisbet preliminarjament minn tali Stat Membru, att għuridikament vinkolanti, li fis-ikunu stabbiliti l-konfini taż-żona ġegografika ta’ produzzjoni, ir-regoli tal-produzzjoni u l-kundizzjonijiet eventwali li l-produtturi għandhom jissodisfaw sabiex jibbenifaw mid-dritt li jużaw id-denominazzjoni inkwistjoni?
- (2) Fid-dawl tad-dispozizzjoniżiż tar-Regolament Komunitarju Nru 2081/92, liema régim għandu jaġpli fis-suq Komunitarju u, barra minn hekk, fis-suq ta’ Stat Membru, fir-rigward ta’ denominazzjoni ġegografika li ma tkunx ġiet irregistrala kif previst f'dan ir-regolament.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta’ Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġegografici u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4).